Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2026/1053

18.5.2026

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/1053

tat-12 ta' Mejju 2026

li tirrifjuta applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' indikazzjoni ġeografika f'konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2024/1143 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

("Geyve Ayvası" (DOP))

(notifikata bid-dokument C(2026) 3012)

(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2024/1143 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 dwar indikazzjonijiet ġeografiċi għall-inbid, ix-xorb spirituż u l-prodotti agrikoli, kif ukoll l-ispeċjalitajiet tradizzjonali garantiti u t-termini tal-kwalità mhux obbligatorji għall-prodotti agrikoli, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013, (UE) 2019/787 u (UE) 2019/1753 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 21(1) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2024/1143, il-Kummissjoni eżaminat l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tal-isem "Geyve Ayvası" (PDO-TR-03283) bħala denominazzjoni ta' oriġini protetta (DOP), imressqa minn Sakarya Commodity Exchange (it-Turkija) fil-11 ta' Lulju 2024.

(2) Wara l-eżami tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni, fl-20 ta' Settembru 2024, il-Kummissjoni kkomunikat l-osservazzjonijiet tagħha, fejn enfasizzat in-nuqqasijiet fl-applikazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-applikant, tad-deskrizzjoni tal-prodott, tal-prova tal-oriġini, tar-regoli speċifiċi dwar l-imballaġġ u t-tikkettar, u tar-rabta maż-żona ġeografika. L-applikant intalab jipprovdi aġġustamenti u kjarifiki.

(3) L-applikant ma weġibx.

(4) Fit-8 ta' Lulju 2025, il-Kummissjoni infurmat lill-applikant bl-intenzjoni tagħha li tniedi l-proċedura għall-adozzjoni ta' deċiżjoni formali tal-Kummissjoni li tirrifjuta l-applikazzjoni skont l-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2024/1143, sakemm ma tiġix imressqa applikazzjoni riveduta jew tiġi rtirata l-applikazzjoni.

(5) In-nuqqasijiet ta' konformità msemmija fl-ittra tat-8 ta' Lulju 2025 kienu jikkonċernaw l-istatus ta' applikant ta' Sakarya Commodity Exchange. B'mod partikolari, il-Kummissjoni indikat li r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 14(2) tar-Regolament (UE) 2024/1143 mhumiex imħarsa. L-applikazzjoni, kif imressqa lill-Kummissjoni, ma turix li Sakarya Commodity Exchange hija grupp ta' produtturi li huwa magħmul minn membri li jaħdmu bil-prodott li l-isem tiegħu huwa propost għar-reġistrazzjoni.

(6) L-applikant la pprovda kummenti u lanqas talab l-irtirar tal-applikazzjoni fi żmien il-perjodu stipulat ta' xahrejn minn wara li l-ittra waslet.

(7) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tqis li l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' "Geyve Ayvası" bħala DOP ma tissodisfax ir-rekwiżiti tal-Artikolu 14(2) tar-Regolament (UE) 2024/1143.

(8) Għalhekk jenħtieġ li l-applikazzjoni għall-protezzjoni tal-isem "Geyve Ayvası" bħala DOP tiġi rrifjutata.

(9) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika dwar il-Kwalità għal prodotti agrikoli, inbid u xorb spirituż,

([1]) ĠU L, 2024/1143, 23.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1143/oj.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tal-isem "Geyve Ayvası" bħala denominazzjoni ta' oriġini protetta (DOP) hija rifjutata.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-applikant:

Sakarya Commodity Exchange (SCE) / Sakarya Ticaret Borsası (GTB)
Tekeler Mahallesi, Çevre Yolu Üzeri,
54100 Adapazarı/Sakarya, it-Turkija

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Mejju 2026.

Għall-Kummissjoni
Christophe HANSEN
Membru tal-Kummissjoni